# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1371/2014

## tad-19 ta' Diċembru 2014

## li jemenda r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2014 li jistabbilixxi miżuri temporanji eċċezzjonali oħra ta' appoġġ għall-produtturi ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 219(1) flimkien mal-Artikolu 228 tiegħu,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Awwissu 2014 il-gvern Russu introduċa projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet ta' ċertu prodotti mill-Unjoni lejn ir-Russja, inklużi l-frott u l-ħaxix.

(2) Sabiex jiġi evitat li t-tfixkil relatat tas-suq għall-frott u l-ħxejjex, fejn huma involuti kwantitajiet kbar ta' prodotti li jmorru malajr, jinbidel fi tfixkil aktar serju jew imtawwal, ġie adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 932/2014 ([2]). Dan stipula l-ammonti massimi ta' appoġġ għal operazzjonijiet ta' irtirar, nuqqas ta' ħsad u ħsad bikri. Il-mekkaniżmu introdott b'dak ir-Regolament ġie ssupplimentat aktar tard b'miżuri skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2014 ([3]) fl-għamla ta' appoġġ addizzjonali mmirat għal ċertu kwantitajiet ta' prodotti, ikkalkulat abbażi tal-esportazzjonijiet tradizzjonali lejn ir-Russja.

(3) Il-projbizzjoni tal-importazzjonijiet Russa għadha qed toħloq theddida serja ta' tfixkil fis-suq ikkawżat minn tnaqqis sinifikanti fil-prezzijiet minħabba l-fatt li f'daqqa waħda suq importanti tal-esportazzjoni ma baqax disponibbli. F'qagħda tas-suq bħal din, il-miżuri normali disponibbli skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jidhru li m'għadhomx biżżejjed. Għaldaqstant, il-mekkaniżmu bbażat fuq l-appoġġ għal ċerti kwantitajiet ta' prodotti skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1031/2014 jeħtieġ li jittawwal.

(4) Filwaqt li jitqiesu l-kwantitajiet stmati affettwati mill-projbizzjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tittawwal skont il-kwantitajiet ta' prodotti kkonċernati. Il-kalkolu ta' dawk il-kwantitajiet għandu jsir għal kull Stat Membru skont il-livell tal-esportazzjonijiet medji tiegħu lejn ir-Russja tal-prodotti kkonċernati għat-tliet snin preċedenti f'dawn ix-xhur: April u Mejju għall-frott u minn Jannar sa Mejju għall-ħaxix. Barra minn hekk, minħabba l-esportazzjonijiet staġonali tiegħu, il-lumi tal-kodiċi NM 0805 50 10 għandu jiżdied mal-lista ta' prodotti eliġibbli għall-appoġġ skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1031/2014.

(5) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) Nru 1031/2014 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Sabiex ikun hemm impatt immedjat fuq is-suq u biex jingħata kontribut għall-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2014**

Ir-Regolament ta' Delega (UE) Nru 1031/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, jiżdied il-punt (r) li ġej:

"(r) lumi tal-kodiċi NM 0805 50 10.";

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 932/2014 tad-29 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi miżuri temporanji eċċezzjonali ta' appoġġ għal produtturi ta' ċertu frott u ħaxix u li jemenda r-Regolament ta' Delega (UE) Nru 913/2014 (ĠU L 259, 30.8.2014, p. 2).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2014 tad-29 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi miżuri temporanji eċċezzjonali oħra ta' ċertu frott u ħaxix (ĠU L 284, 30.9.2014, p. 22).

(b) Il-paragrafu 3 jinbidel b'li ġej:

"3. L-appoġġ imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkopri l-attivitajiet imwettqa f'perjodu li għandu jinqasam kif ġej:

(a) perjodu mit-30 ta' Settembru 2014 sad-data li fiha l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) ikunu ġew eżawriti f'kull Stat Membru kkonċernat jew il-31 ta' Diċembru 2014, skont liema data tiġi l-ewwel;

(b) perjodu mill-1 ta' Jannar 2015 sad-data li fiha l-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) ikunu ġew eżawriti f'kull Stat Membru kkonċernat jew it-30 ta' Ġunju 2015, skont liema data tiġi l-ewwel.";

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. L-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jkun magħmul disponibbli għall-Istati Membri għall-kwantitajiet ta' prodotti li ġejjin:

(a) għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(a), il-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness I;

(b) għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(b), il-kwantitajiet stabbiliti fl-Anness Ia;

Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(a), dak l-appoġġ għandu jkun disponibbli wkoll fl-Istati Membri kollha għal operazzjonijiet ta' irtirar, ħsad bikri jew nuqqas ta' ħsad, fir-rigward ta' prodott wieħed jew aktar minn dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) kif determinat mill-Istat Membru, sakemm il-kwantità addizzjonali involuta ma taqbiżx it-3 000 tunnellata għal kull Stat Membru.";

(3) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu b'li ġej:

"1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom japplikaw għall-ħlas tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6 sal-31 ta' Jannar 2015 fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(a) u sal-31 ta' Lulju 2015 fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(b).

2. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom japplikaw għall-ħlas tat-total tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni msemmija fl-Artikoli 4 u 6 ta' dan ir-Regolament skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 72 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 sal-31 ta' Jannar 2015 fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa tul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(a) ta' dan ir-Regolament u sal-31 ta' Lulju 2015 fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa tul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(b) ta' dan ir-Regolament.";

(b) Fil-paragrafu 3, il-kliem "sad-data msemmija fil-paragrafu 1" jinbidlu b'"sad-dati msemmija fil-paragrafu 1";

(4) Fl-Artikolu 10(1), il-parti introduttorja tal-ewwel subparagrafu tinbidel b'dan li ġej:

"Sat-30 ta' Settembru 2014, il-15 ta' Ottubru 2014, il-31 ta' Ottubru 2014, il-15 ta' Novembru 2014, it-30 ta' Novembru 2014, il-15 ta' Diċembru 2014, il-31 ta' Diċembru 2014, il-15 ta' Jannar 2015, il-31 ta' Jannar 2015 u l-15 ta' Frar 2015 fir-rigward tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(a) u, sat-30 ta' Settembru 2015, sal-15 u l-aħħar jum ta' kull xahar fir-rigward tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(b), l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-informazzjoni segwenti għal kull prodott:";

(5) L-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 11*

**Il-ħlas tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni**

In-nefqa tal-Istati Membri fir-rigward tal-ħlasijiet skont dan ir-Regolament għandha tkun eliġibbli biss għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni jekk tkun tħallset sa dawn id-dati:

(a) it-30 ta' Ġunju 2015 fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa tul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(a);

(b) it-30 ta' Settembru 2015 fir-rigward ta' operazzjonijiet imwettqa tul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(3)(b).";

(6) It-titolu tal-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kwantitajiet massimi ta' prodotti allokati għal kull Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(a)"

(7) Jiddaħħal l-Anness Ia, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(8) L-Annessi III u IV jinbidlu bit-test stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

*"ANNESS Ia*

**Kwantitajiet massimi ta' prodotti allokati għal kull Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 2(1)(b)**

| (tunnellati) | Tuffieħ u lanġas | Għanbaqar, għeneb tal-mejda u frott tal-kiwi | Tadam, zunnarija, bżar ħelu, ħjar u gherkins | Lariņġ, klementin, mandolin u lumi |
|---|---|---|---|---|
| Il-Belġju | 21 200 | 0 | 13 200 | 0 |
| Il-Ġermanja | 3 450 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Greċja | 200 | 3 100 | 2 000 | 0 |
| Spanja | 300 | 0 | 26 650 | 15 775 |
| Franza | 3 800 | 0 | 1 450 | 0 |
| L-Italja | 8 400 | 3 800 | 0 | 0 |
| Ċipru | 0 | 0 | 0 | 1 750 |
| Il-Litwanja | 0 | 0 | 6 000 | 0 |
| Il-Pajjiżi l-Baxxi | 9 700 | 0 | 24 650 | 0 |
| L-Awstrija | 500 | 0 | 0 | 0 |
| Il-Polonja | 155 700 | 0 | 18 650 | 0 |
| Il-Portugall | 350 | 0 | 0 | 0" |

*ANNESS II*

*"ANNESS III*

**Mudelli għan-notifiki kif imsemmi fl-Artikolu 10**

NOTIFIKA DWAR L-IRTIRAR — TQASSIM B'XEJN

Stat Membru: ................................. Perjodu kopert: ..................................... Data: ..................................

| Prodott | Organizzazzjonijiet tal-produtturi | | | | | Produtturi mhux membri | | | | | Kwantitajiet totali (t) | Total tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | | | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | | | | |
| | | irtirar | trasport | għażla u ppakkjar | TOTAL | | irtirar | trasport | għażla u ppakkjar | TOTAL | | |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) = (b) + (c) + (d) | (f) | (g) | (h) | (i) | (j) = (g) + (h) + (i) | (k) = (a) + (f) | (l) = (e) + (j) |
| Tuffieħ | | | | | | | | | | | | |
| Lanġas | | | | | | | | | | | | |
| **Total ta' Tuffieħ u Lanġas** | | | | | | | | | | | | |
| Tadam | | | | | | | | | | | | |
| Zunnarija | | | | | | | | | | | | |
| Bżar ħelu | | | | | | | | | | | | |
| Ħjar u Gherkins | | | | | | | | | | | | |
| **Total ta' Ħxejjex** | | | | | | | | | | | | |
| Għanbaqar | | | | | | | | | | | | |
| Għeneb frisk tal-mejda | | | | | | | | | | | | |
| Frott tal-kiwi | | | | | | | | | | | | |
| **Total ta' Frott Ieħor** | | | | | | | | | | | | |

| Prodott | Organizzazzjonijiet tal-produtturi | | | | | Produtturi mhux membri | | | | | Kwantitajiet totali (t) | Total tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | | | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | | | | |
| | | irtirar | trasport | għażla u ppakkjar | TOTAL | | irtirar | trasport | għażla u ppakkjar | TOTAL | | |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) = (b) + (c) + (d) | (f) | (g) | (h) | (i) | (j) = (g) + (h) + (i) | (k) = (a) + (f) | (l) = (e) + (j) |
| Larinġ | | | | | | | | | | | | |
| Klementin | | | | | | | | | | | | |
| Mandolin | | | | | | | | | | | | |
| Lumi | | | | | | | | | | | | |
| **Total ta' Ċitru** | | | | | | | | | | | | |
| Kaboċċi | | | | | | | | | | | | |
| Pastard u brokkoli bir-ras | | | | | | | | | | | | |
| Faqqiegħ | | | | | | | | | | | | |
| Frott artab | | | | | | | | | | | | |
| **Total ta' Prodotti Oħra** | | | | | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | | | | | |

* Għandha timtela paġna differenti tal-Excel għal kull notifika.

NOTIFIKA DWAR L-IRTIRAR — DESTINAZZJONIJIET OĦRA

Stat Membru: ................................ Perjodu kopert: .................................... Data: ..................................

| Prodott | Organizzazzjonijiet tal-produtturi | | Produtturi mhux membri | | Kwantitajiet totali (t) | Total tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) = (a) + (c) | (f) = (b) + (d) |
| Tuffieħ | | | | | | |
| Lanġas | | | | | | |
| **Total ta' Tuffieħ u Lanġas** | | | | | | |
| Tadam | | | | | | |
| Zunnarija | | | | | | |
| Bżar ħelu | | | | | | |
| Ħjar u Gherkins | | | | | | |
| **Total ta' Ħxejjex** | | | | | | |
| Għanbaqar | | | | | | |
| Għeneb frisk tal-mejda | | | | | | |
| Frott tal-kiwi | | | | | | |
| **Total ta' Frott Ieħor** | | | | | | |
| Larinġ | | | | | | |
| Klementin | | | | | | |
| Mandolin | | | | | | |
| Lumi | | | | | | |
| **Total ta' Ċitru** | | | | | | |
| Kaboċċi | | | | | | |
| Pastard u brokkoli bir-ras | | | | | | |

| Prodott | Organizzazzjonijiet tal-produtturi | | Produtturi mhux membri | | Kwantitajiet totali (t) | Total tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) = (a) + (c) | (f) = (b) + (d) |
| Faqqiegħ | | | | | | |
| Frott artab | | | | | | |
| **Total ta' Prodotti Oħra** | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | |

* Għandha timtela paġna differenti tal-Excel għal kull notifika.

NOTIFIKA DWAR IN-NUQQAS TA' ĦSAD U L-ĦSAD BIKRI

Stat Membru: ................................ Perjodu kopert: .................................... Data: .................................

| Prodott | Organizzazzjonijiet tal-produtturi | | | Produtturi mhux membri | | | Kwantitajiet totali (t) | Total tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Żona (ha) | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | Żona (ha) | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) | (f) | (g) = (b) + (e) | (h) = (c) + (f) |
| Tuffieħ | | | | | | | | |
| Lanġas | | | | | | | | |
| **Total ta' Tuffieħ u Lanġas** | | | | | | | | |
| Tadam | | | | | | | | |
| Zunnarija | | | | | | | | |
| Bżar ħelu | | | | | | | | |
| Ħjar u Gherkins | | | | | | | | |
| **Total ta' Ħxejjex** | | | | | | | | |
| Għanbaqar | | | | | | | | |
| Għeneb frisk tal-mejda | | | | | | | | |
| Frott tal-kiwi | | | | | | | | |
| **Total ta' Frott Ieħor** | | | | | | | | |
| Larinġ | | | | | | | | |
| Klementin | | | | | | | | |
| Mandolin | | | | | | | | |
| Lumi | | | | | | | | |
| **Total ta' Ċitru** | | | | | | | | |
| Kaboċċi | | | | | | | | |
| Pastard u brokkoli bir-ras | | | | | | | | |

| Prodott | Organizzazzjonijiet tal-produtturi | | | Produtturi mhux membri | | | Kwantitajiet totali (t) | Total tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Żona (ha) | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | Żona (ha) | Kwantitajiet (t) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR) | | |
| | (a) | (b) | (c) | (d) | (e) | (f) | (g) = (b) + (e) | (h) = (c) + (f) |
| Faqqiegħ | | | | | | | | |
| Frott artab | | | | | | | | |
| **Total ta' Prodotti Oħra** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | | | | | | | |

* Għandha timtela paġna differenti tal-Excel għal kull notifika.

*ANNESS IV*

**TABELLI LI GĦANDHOM JINTBAGĦTU MAL-EWWEL NOTIFIKA KIF IMSEMMI FL-ARTIKOLU 10(1)**

IRTIRAR — DESTINAZZJONIJIET OĦRA

**Ammonti massimi ta' appoġġ iffissati mill-Istat Membru skont l-Artikolu 79(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 u l-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament**

Stat Membru: ........................ Data: ......................

| Prodott | Kontribut tal-Organizzazzjoni tal-Produtturi (EUR/100 kg) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR/100 kg) |
|---|---|---|
| Tuffieħ | | |
| Lanġas | | |
| Tadam | | |
| Zunnarija | | |
| Kaboċċi | | |
| Bżar ħelu | | |
| Pastard u brokkoli bir-ras | | |
| Ħjar u Gherkins | | |
| Faqqiegħ | | |
| Għanbaqar | | |
| Frott artab | | |
| Gheneb frisk tal-mejda | | |
| Frott tal-kiwi | | |
| Larinġ | | |
| Klementin | | |
| Mandolin | | |
| Lumi | | |

NUQQAS TA' ĦSAD U ĦSAD BIKRI

**Ammonti massimi ta' appoġġ iffissati mill-Istat Membru skont l-Artikolu 85(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 u l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament**

Stat Membru: ……………………………………… Data: ………………………………………

| Prodott | Fil-miftuħ | | Serra | |
|---|---|---|---|---|
| | Kontribut tal-Organizzazzjoni tal-Produtturi (EUR/ha) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR/ha) | Kontribut tal-Organizzazzjoni tal-Produtturi (EUR/ha) | Assistenza finanzjarja tal-Unjoni (EUR/ha) |
| Tuffieħ | | | | |
| Lanġas | | | | |
| Tadam | | | | |
| Zunnarija | | | | |
| Kaboċċi | | | | |
| Bżar ħelu | | | | |
| Pastard u brokkoli bir-ras | | | | |
| Ħjar u Gherkins | | | | |
| Faqqiegħ | | | | |
| Għanbaqar | | | | |
| Frott artab | | | | |
| Għeneb frisk tal-mejda | | | | |
| Frott tal-kiwi | | | | |
| Larinġ | | | | |
| Klementin | | | | |
| Mandolin | | | | |
| Lumi" | | | | |